MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 180/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emanuel Zahra**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta’ Settembru, 2004 u fix-xhur ta’ qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Carmela Zahra fil-pussess tar-raba maghrufa tal-Qattus, limiti ta’ Hal-ghaxaq u dan bi ksur ta’ l-artikolu 85 tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Mejju, 2009, li biha, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ordnat illi johrog mill-parti illi huwa abbuzament akkaparra (l-art tan-nofs) fi zmien gimghatejn b’multa ta’ €4.66 (ekwivalenti ghal LM2) sabiex l-ahwa Zahra jibqghu jgawdu l-art bil-qsim originali w informali taghhom qabel l-agir abbuziv ta’ l-appellant

meritu ta’ l-akkuza ai termini ta’ l-artikoli 85 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w, wara li rat l-artikoli 85 u 28A tal-Kap. 9, l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu [Recte : “illiberatu” ] bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti:- 1. Dwar l-elementi procedurali ta’ l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, l-appellant jissottometti li dan l-artikolu jaghmilha cara li jrid ikun hemm tfixkil ta’ persuna determinata fil-pussess ta’ hwejjigha. Ghalkemm dar-reat ma jehtiegx il-kwerela tal-parti, hu essenzjali li dik il-persuna taghmel il-prova li giet imfixkla. Ghalkemm f’ dal-kaz telghu jixhdu hafna mill-ulied ta’ Carmela Zahra, ma setghux jissostitwixxu lilha fix-xiehda li kienet *sine qua non* bhala element tar-reat. Ma setghux jitkellmu bhala eredi taghha ghax hi ghadha hajja. Hi kellha titressaq quddiem il-Qorti jew quddiem il-perit legali w l-perit tekniku. Dan ma sarx. La dan l-element ma giex pruvat, allura r-reat ma setax jissussisti. 2. Dwar il-parti decizjonali, l-appellant jilmenta li kif inhi miktuba l-parti konkluzzjonali tas-sentenza hija legalment zbaljata. Fl-ewwel lok gie dikjarat mill-Ewwel Qorti li kienet qed *“tikkundannah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.”* L-artikolu 22 tal-Kap. 446 jaghmilha cara li dik mhux kundanna imma hija liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor. Bl-istess mod, il-Qorti ikkwotat l-artikolu 28A u imponiet il-penali ta’ LM2.00 kulljum wara gimghatejn kemm il-darba l-ahwa Zahra ma jkunux jistghu igawdu l-art bil-qsim originali w informali bejnithom. L-artikolu 28A hu rilevanti ghas-sentenza sospiza li ma kienx f’ dan l-kaz. Il-penali li nghatat *“sabiex –ahwa Zahra jibqghu igawdu l-art”* ma jaqbel xejn ma dik illi kienet l-

imputazzjoni originali ghaliex il-parti li suppost sar ir-reat kontra l-pussess taghha kienet ta' Carmela Zahra. 3. Dwar il-fatti, l-appellant jikkontendi li bl-ebda mod ma jirrizulta li hu ghamel ir-reat in kwistjoni. Il-fatt li Carmela Zahra ma xehditx hu indizju car li dar-reat gie mahluq mill-ahwa w mhux minn Carmela Zahra. 4. Dwar il-piena, l-appellant jilmenta mill-impozizzjoni tal-penali taht l-artikolu 28A kwotat mill-Qorti li, barra li mhux legalment preciz, lanqas l-intenzjoni tieghu hija skond ic-citazzjoni imma ghal terzi li kienu biss xhieda fil-process.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza li bih Dr. J. Brincat, ghall-appellant, talab li tinghata decizjoni fuq l-aggravju dwar l-aspett procedurali dwar l-eccezzjoni li l-mod kif inhi miktuba s-sentenza hija zbaljata.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-lum fejn iddisponiet mit-tieni aggravju tal-appellant u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq l-aggravju l-ohra u fuq il-mertu;

Semghet it-trattazzjoni fuq l-aggravju l-ohra u dwar il-mertu;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju huwa manifestament infondat ghax minn imkien ma johrog li fi proceduri kriminali ghar-reat ta' ragjon fattasi bil-fors trid tixhed il-persuna li allegatament tkun giet imfixkla fil-pussess ta' hwejjigha. Ir-reat in dizamina kif jaccetta l-istess appellant ma jehtiegx il-kwerela tal-parti li umbaghad tkun mistennija tikkonferma l-kwerela bil-gurament. Jista' jirrizulta minn provi ohra w *aliunde*. B' dana kollu – kuntrarjament ghal dak li ssottometta l-appellant fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu tad-29 ta' Mejju, 2009 (fol. 177 et seq) - fil-fatt f' dan il-kaz mhux biss saret kwerela bil-miktub minn Carmela Zahra (fol. 3) izda wkoll PS 359 C. Abdilla fl-affidavit tieghu (fol. 5) ikkonferma li l-Pulizija kienet irceviet din il-kwerela w li kienet ipprocediet dwarha w li l-appellant kien gie infurmat

li ser jittiehdu passi bil-Qorti kontrieh. Dan jizmentixxi dak li gie dikjarat f’ din in-Nota.

Inoltre, ghall-korrettezza jigi osservat li f’ din il-kawza li nstemghet bis-sulluzzu quddiem il-perit tekniku fuq firxa ta’ snin, b’ hafna seduti jithassru ghax ma jidhirx dak jew l-iehor u fejn hafna drabi dehru avukati differenti mill-istess studji legali, jidher li f’ certu stadju l-avukat tal-parte civile intebah li kienet ghadha ma xehditx Carmela Zahra. Ghalhekk fis-seduta quddiem il-perit tal-10 t’ Ottubru, 2006
(fols. 106-107) Dr. Jose’ Herrera ddikjara li bi zvista ma xehditx Carmela Zahra u li fil-fatt din kienet giet il-Qorti biex tiddeponi pero’ li ghal xi raguni jew ohra dan ma sehhx. Ghalhekk talab li l-imsemmija xhud, li kienet prezenti, tithalla tiddeponi. Hawn kien l-istess difensur tal-appellant li oggezzjona ghal dan u qal *inter alia* li huma applikabbli l-principji illi kif jixhed l-imputat, ma jistghux jittellghu provi mill-prosekuzzjoni w li l-imputat kien gja ilu jixhed ghall-tlitt seduti. Ghalhekk Carmela Zahra baqghet ma xehditx.

S’ intendi, l-Qorti mbaghad dejjem tkun trid tevalwa l-provi kollha w tara jekk tali tfixkil fil-konfront tal-persuna in kwistjoni jkunx irrizulta pruvat sodisfacentement minn provi ohra. Imma l-fatt li dik il-persuna ma tixhidx fil-proceduri ma jwassalx necessarjament ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, kif donnu qed jippretendi li kellu jsir l-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti gja pprovdiet fis-sentenza preliminari taghha tal-lum stess.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju li jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fuq il-provi traskritti fil-process, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-

apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali **: “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] **; “Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi traskritti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellant tar-reat ta’ *ragion fattasi* dedott kontra tieghu.

Illi mill-provi traskritti jirrizulta li f’ xi zmien ir-raba maghruf bhala “Tal-Qattus” fil-limiti ta’ Hal Ghaxaq kien, possedut bi qbiela mir-ragel ta’ Carmela Zahra, Carmelo Zahra w minn huh Frenc Zahra. Meta miet zewgha l-qbiela – tajjeb jew hazin legalment – daret fuq Carmela Zahra. Wara l-qbiela bdiet tithallas lil Joint Office u, kif jidher mid-dokument a fol. 123 skond l-informazzjoni li l-Knisja ghaddiet lill-Gvern, il-pagaturi kienu indikati bhala *“eredi ta’ Francesco Zahra – Carmela Zahra”* bl-indirizz *“3, Sqaq 5, Triq ta’ Loretu, Ghaxaq, ZTN 11”*. Carmela Zahra kienet tippermetti lill-uliedha Nazzareno, George, Joseph u Anthony li jahdmu dar-raba w kull wiehed minnhom kien jiehu hsieb bicca minnu bi ftehim bonarju. F’ xi zmien l-appellat beda jahrat ir-raba immarkat bl-ittri ABCD li kien qed jahdem Nazzareno Zahra. B’effett mis-16 t’ Awwissu, 2004 il-qbiela daret ghal fuq Nazzareno Zahra skond ma xehed Rosario Galea, r-rapprezentant tal-Joint Office fejn tithallas il-qbiela u skond ir-ricevuta tal-istess Joint Office

esebita a fol. 124 tal-process. Fil-fatt bi skrittura tal-10 ta' Jannar, 2004, Carmela Zahra (fols. 125 -126) kienet gja cediet il-qbiela lil dan Nazzareno Zahra b' effett minn dik id-data stess.

Illi jidher li dan l-ahhar fatt importanti sfugga mhux biss lill-Ewwel Qorti izda ukoll lill-appellant u lid-difensur tieghu!

L-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija bazata fuq id-data tal-"1 ta' Settembru, 2004 u fix-xhur ta' qabel.". Issa jidher li kemm f' din id-data u x-xhur ta' qabel ir-raba in kwistjoni ma kienx ghadu f' idejn Carmela Zahra imma kien gja gie cedut lil Nazzareno Zahra, cessjoni li giet eventwalment rikonoxxuta anki mill-Joint Office u ghalkemm il-qbiela kien lahaq gie imhallas sal-15 t' Awwissu, 2004, f' isem Carmela Zahra, in effetti kien Nazzareno Zahra l-veru possessur tal-art in kwistjoni. Kwindi jekk l-appellant kien fixkel il-pussess ta' xi hadd fl-**1 ta' Settembru, 2004 u fix-xahar t' Awwissu 2004** meta, skond ma xehed Joseph Zahra (fols 71-72), l-appellant kien harat l-ghalqa, il-persuna li giet imfixkla fil-pussess ta' dan ir-raba kienet proprju Nazzareno Zahra w mhux ommu Carmela Zahra kif indikat fil-komparixxi .

Ghalhekk l-akkuza kif redatta ma treggix u l-appellant ma jistax jinstab hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------